## PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**ONOR. IMĦALLEF MARK SIMIANA, LL.D**

*Rikors Ġuramentat Numru 453/2024 MS*

**Stephen Cini u Claudia Cini**

**Vs.**

**Brian Zammit**

Illum, 24 ta' Frar, 2025

Kawża Numru: 6

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors ġuramentat preżentat mill-atturi fis-26 ta' April 2024, li permezz tiegħu, wara li ippremettew dan li ġej:

> Illi permezz ta' skrittura tal-4 ta' Mejju 2022 li kopja taghha qeghda tigi hawn annessa u mmarkata Dok A l-intimat Brian Zammit kien ikostitwixxa ruhu bhala Debitur cert likwidu u dovut tal-esponenti gas-somma ta' €31,000.
>
> Illi dan l-ammont kien jirraprezenta bilanc tal-prezz ta' diversi ingenji li l-esponenti kien biegh lill-intimat.

> Illi minkejja li ai termini tal-istess skrittura l-intimat kellu ihallas d-dejn in kwistjoni f'rati mensili ta' €500, huwa waqqaf kompletament il-pagamenti in kwistjoni u dna minghajr ebda raguni valida fil-ligi u ghalhekk ai termini tal-istess skrittura huwa tilef il-beneficcju taz-zmien
>
> Illi l-bilanc dovut mil-intimat huwa ta' €27,000 oltre l-imghax legali liema somma hija certa, likwida u dovuta.
>
> Illi sa fejn jafu l-esponenti l-intimat m'ghandu l-ebda eccezzjonijiet validi fil-ligi u ghalhekk din l-Onorabbli Qorti ghandha tiddisponi mill-kawza bid-dispensa tas-smiegh ai termini ta' l-Artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.
>
> Illi l-esponenti jafu b'dawn il-fatti personalment u qieghed jikkonfermahom bil-gurament tieghu Stephen Cini.

għaddew biex jitolbu lil din il-Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna, jogħġobha:

> 1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tar-rikorrenti bid-dispensa tas-smigh tar-rikors ai termini tal-Artikoli 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.
> 2. Tiddikjara illi l-intimati huma debitur tar-rikorrenti ghas-somma ta' €27,000 oltre l-imghax legali
> 3. Tikkundanna lill-intimat ihallas lill-esponenti is-somma ta' €27,000 oltre l-imghax legali
>
> Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru numru 722/2024 u bl-ingunzjoni ta' l-intimati ghas-subizzjoni.

2. Rat in-nota bil-kopja tal-iskrittura privata datata 4 ta' Mejju 2022, li ġiet ukoll notifikata lill-konvenut;

3. Rat illi fl-udjenza tal-lum:

> Il-Qorti semgħet sottomissjonijiet dwar it-talba għad-dispensa tas-smigħ, matul liema sottomissjonijiet Dr. Mangion irrilevat illi t-talba għad-dispensa tas-smigħ m'għandhiex tintlaqa billi l-kunsens tal-konvenut għall-

iskrittura tal-4 ta' Mejju 2022, kien vizzjat b'theddid ta' proċeduri kriminali, li wasslu lill-konvenut biex jiffirma l-iskrittura, anke għaliex l-istess konvenut kellu proċeduri kriminali oħrajn fil-konfront tiegħu u beża li setgħa jitlef il-ħelsien mill-arrest.

Xehed in eżami u in kontro eżami l-konvenut Brian Zammit.

Ingħata Digriet.

Il-Qorti, wara li semgħet ix-xiehda tal-konvenut u s-sottomissjonijiet tad-difensuri, peress li tqis illi l-vizzju tal-kunsens eċċepit ma jistgħa qatt iwassal għar-rexxissjoni billi theddida ta' proċeduri legali ma tammontax għal theddida li l-Liġi tgħid li twassal għall-vizzju fil-kunsens, u billi wkoll anke kieku wieħed kellu jqis jekk il-konvenut tax il-kunsens tiegħu bi żball, tali żball jeħtieġ li jkun skużabbli u minn dak li semgħet il-Qorti illum, mhuwiex,

Għaldaqstant il-Qorti tqis li l-konvenut ma weriex li għandu eċċezzjonijiet x'jagħti kontra it-talbiet tal-atturi.

Ikkunsidrat:

4. Illi la darba l-konvenut ma werix li huwa għandu eċċezzjonijiet x'jagħti kontra t-talbiet tal-atturi, u la darba wkoll ir-rikors ġuramentat iħares dak li jipprovdu l-artikoli 167 sa 170 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, il-Qorti għandha tipproċedi bid-dispensa tas-smigħ kif qed isir bil-preżenti sentenza.

5. Għaldaqstant il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

   (i) tilqa' l-ewwel talba u għalhekk tipproċedi għas-sentenza bid-dispensa tas-smigħ skont l-artikolu 167 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

   (ii) tilqa' t-tieni talba u tiddikjara illi l-konvenut huwa debitur tal-atturi għas-somma ta' sebgħa u għoxrin elf Ewro (€27,000), oltre l-imgħax legali dekorribbli mill-istituzzjoni ta' din il-kawża sal-jum tal-ħlas effettiv;

(iii) tilqa' t-tielet talba u tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-atturi s-somma ta' sebgħa u għoxrin elf Ewro (€27,000), oltre l-imgħax legali dekorribbli mill-istituzzjoni ta' din il-kawża sal-jum tal-ħlas effettiv;

(iv) tikkundanna lill-konvenut iħallas l-ispejjeż kollha, kompriżi dawk tal-mandat ta' sekwestru bin-numru 722/2024.

Onor. Mark Simiana, LL.D
Imħallef

Lydia Ellul
Deputat Reġistratur